**Ruling mill-Ispeaker Anġlu Farrugia fis-Seduta 409 tad-19 ta' Novembru 2025 b'referenza għar-Ruling mogħti fis-Seduta 406 tas-17 ta' Novembru 2025**

Wara li s-Sedja, fis-seduta tat-Tnejn li għadda, 17 ta' Novembru 2025, kienet sabet "*prima facie* ħatja ta' ksur ta' privileġġ lill-istess diriġenti tal-Partit Nazzjonalista, u ċjoè lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista jew min huwa inkarigat mill-ħruġ tal-istqarrijiet tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-editur preżenti tan-*Net News portal* u tibgħat dan kollu lill-Kumitat dwar il-Privileġġi ta' din il-Kamra biex jiġi deċiż mill-istess Kumitat";

Wara li tat dan ir-Ruling, intalbet laqgħa minnufih mill-Partit Nazzjonalista mas-Sedja fejn jirriżulta, għas-sodisfazzjon tas-Sedja, li kien hemm misunderstanding min-naħa tal-Partit Nazzjonalista dwar it-test eżatt tal-korrezzjoni kif mitlub fir-ruling tas-Sedja tat-13 ta' Novembru 2025 fejn wara li saret din l-ispjegazzjoni kollha, ġie maqbul eżatt il-kontenut u t-test tal-korrezzjoni kif mitluba fir-ruling oriġinali tat-13 ta' Novembru 2025 u għalhekk is-Sedja, fiċ-ċirkustanzi, wara li saret il-korrezzjoni minnufih kif jirriżulta li saret, qiegħda għalhekk fiċ-ċirkustanzi, tħassar il-parti tar-ruling li tat is-Sedja fis-17 ta' Novembru 2025 fejn intqal:

> "issib *prima facie* ħatja ta' ksur ta' privileġġ lill-istess diriġenti tal-Partit Nazzjonalista, u ċjoè lis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista jew min huwa inkarigat mill-ħruġ tal-istqarrijiet tal-Partit Nazzjonalista kif ukoll l-editur preżenti tan-*Net News portal* u tibgħat dan kollu lill-Kumitat dwar il-Privileġġi ta' din il-Kamra biex jiġi deċiż mill-istess Kumitat."

Ir-Ruling għalhekk issa huwa deċiż.